Kunsill Lokali

Ix-Xewkija

Local Council

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 30**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2026. Il-Laqgħa bdiet fl-16:50.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

George Zammit – Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Josef Charles Hili - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Kunsillier Josef Charles Hili.

Inqrat l-apoloġija tal-~~Viċi-Sindku Paul Azzopardi~~.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 29 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament. Il-minuti tal-laqgħa nru 27 ma setgħux jiġu ffirmati għaliex il-Kunsillier Josef Charles Hili ma kienx preżenti.

**30.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

*Playingfield Ta' Ġokk*

Is-Sindku bdiet billi qalet li l-ħaddiema marru jnaddfu l-playing Ta' Ġokk u qalgħu l-playing equipment peress li l-perit li mar fuq il-post qal li ma kienx sigur.

*Learning Hub*

Is-Sindku qalet li għall-Learning Hub il-planning Authority talbu €17,000 peress li mhux ser ikun hemm bizzejjed spazju fejn jipparkjaw. Ġie ffirmat kuntratt sabiex il-pagament jinqasam kull xahar.

*Attivita tal-karozzi*

L-attivita kellha titmexxha għal 15 ta' Marzu peress li kien il-maltemp.

*Boxing*

Is-Sindku spjegat li għal dan l-avveniment l-organizzatur qal li ma għandux ċans bħalissa. Is-Sindku qalet li ma tixtieqx li dan l-avveniment isir bl-għaġla. L-organizzatur qal li xorta jixtieq li jaħdmu klabbs tagħhom pero' ma tagħna l-ebda kuntatti.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet biex noqgħodu attenti minħabba l-procurement għax inkella tiġi direct order.

Is-Sindku qalet li din trid tinqata' kemm jista' jkun malajr. Hi għandha tkellem lill-organizzatur biex jagħtiha risposta.

Kompliet billi spjegat kif jitqassam il-ġlied u kien ser ikun hemm premju tax-Xewkija.

SR MH

*Belveder tal-Barmil*

Is-Sindku qalet li x-xogħol mixi u suppost jitlesta dalwaqt.

*Triq tal-Lewz*

Is-Sindku spjegat li tkellmet mad-DG fejn qalet li suppost ser tinbeda ukoll.

*Proġett ta' Project Green – Tal-Barmil Playingfield*

Is-Sindku għarfet lil dawk preżenti li għad ma kien hemm l-ebda korrispondenza minn ProjectGreen u qed jistennew l-approvazzjoni mil BCA sabiex ikunu jistgħu jibdew.

*Ġnien il-Ħaddiem*

Is-Sindku qalet li ser ikun hemm laqgħa mal-project manager fuq dan il-proġett u l-kuntrattur. Hi spjegat li l-istorage li kien ser isir mhux ser isir minħabba skavar. Hi spjegat li ġiet informatha wara li kien hemm kollox approvat.

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Ma' kien hemm l-ebda mistoqsija.

**30.5 Bye-Law;**

Is-Sindku spjegat li kien hemm żewġ klawsoli kontradditorji u 12.2 trid titneħħa sabiex tkun taqbel mal-liġi. Dawk preżenti qablu unanimament.

Is-Sindku staqsiet lil dawk preżenti jistgħux jiddeċċiedu jekk ikun hemm xi persuni bħalha vendituri hux ser jingħatu permessi.

Is-Sindku qalet li trid tiċċekja rigward permessi għall-vendituri fuq art devolutha lill-Kunsill u fuq art tal-Ministeru.

Is-Sindku qalet li jekk ikun hemm xi venditur li jkun irid jiġi biex jarma jsir 'contractual agreement' sabiex ma jkunx hemm b'mod permanenti. Hi tenniet li kull venditur irid jiġi approvat mill-Kunsill.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li ma taqbilx li vendituri jidħlu fil-ġnien pero joqgħodu barra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk ser isiru parkings fuq barra dan ma jaqax taħt il-bye-law. Is-Sindku qalet li ġewwa l-ġnien ma jistgħux jidħlu għax ser issir walkway ġewwa l-ġnien u mhu ser ikun jista'jidħol ħadd.

SZ [illegible]

**30.6 Performance Bonus - Chrismar;**

Dawk preżenti qablu li l-performance bonus ikun ta' 10%.

**30.7 Safra tal-Kunsill;**

Is-Sindku spjegat li ma' kinx hemm nies li applikaw kemm kien mistenni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kull ma' kien hemm 16 il-applikazzjoni u l-aġenzija qed titlob €144 ta' kull persuna peress li kollox kien maħdum fuq 35 il-persuna u jekk titħassar is-safra hemm xi ammonti li jridu jitħallsu però għadhom ma' nformawx kemm hu l-ammont.

Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja kemm hu l-ammont biex titħassar sabiex filkaz titwaqqa s-safra.

**30.8 Tiġrija;**

Is-Sindku wriet ix-xewqa li għat-Tiġrija ta' din is-sena tinħareġ expression of interest u jintefqu biss l-€10,000 li jingħataw mill-Ministeru.

Il-Viċi-sindku qal li mportanti li nkunu ċerti li l-fondi mill-Ministeru jingħataw.

Is-Sindku qalet li xorta hi trid tkun fuq il-Health and Safety sabiex żgur ma jkunx hemm problemi ta' sigurtà.

Hija qalet rigward is-sigurta trid timxi mar-risk assessment u blokok, securities u ambulanzi jkunu skond ir-risk assessment.

Is-Sindku qalet li ma tixtieqx li jidħlu responsabbli hi u l-kunsilliera bħal ma jiġri fil-Kunsill Ta' Sannat. Il-Viċi-Sindku qabel ma dan u tenna li jrid jkun hemm linji gwida sabiex ikunu nfurmati. Hu tal-fehma li l-organizzatur jkun responsabbli ta' kollox.

Is-Sindku spjegat li fis-sena preċedenti l-insurance kienet saret mill-Kunsill u kien hemm hi u l-kunsillier kollha koperti sa €250,000 jekk jiġri xi ħaġa. Ma' din l-insurance kien tniżżel ukoll isem l-organizzatur. Il-jockeys ma' kinux koperti u kull jockey kien iffirma dokument ta' responsabbiltà.

Is-Sindku qalet li jekk bilfors l-insurance tinħareġ fuq il-Kunsill, din trid titħallas mill-organizzatur u tiġi fuq il-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku spjega li dawn it-tiġrijiet ħadd ma' ried li jinqatgħu imma tant żdiedu l-ispejjez u l-liġijiet tbidlu minħabba s-sigurta u r-responsabbilta li ħadd m'għadu jrid jidħol għalihom.

Is-Sindku semmiet li jekk it-tiġrijiet idumu aktar milli suppost l-ispejjez żejda għandhom jitħallsu mill-organizzatur. Is-Sindku qalet li l-promotion jidħol għaliha l-Kunsill. Dawk preżenti qablu.

Ġie deċiż li napplikaw għall-fondi sabiex naraw il-fondi humiex ser jingħataw.

SR MM

**30.9 Bus stop;**

Is-Sindku spjegat li kien hemm ilment fuq Triq Kraba għax ser tinbena binja u trid titneħħa l-bus stop, Transport Malta jridu jkunu jafu din l-bus stop fejn ser tiġi la titwaqqa l-binja.

Il-Viċi-Sindku rrisponda li aħjar imorru jiċċekkjaw fejn trid tiġi eżatt qabel issir id-deċiżjoni.

**30.10 Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

Is-Sindku ssuġġerriet lis-sinjura Heidi Grech bħalha deputat. Dawk preżenti qablu. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-quddiem ikun xi ħaddiem mill-istess Kunsill.

**30.11 Accounts 2024;**

Ser issir laqgħa mal-accountant fil-11 ta' Marzu fil-5:00 ta' filgħaxija sabiex jiġu approvati sabiex ikun jista' jibda l-audit.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-accounts tat-2025 suppost ser ikunu mdaħħlin sa l-aħħar ta' Marzu.

**30.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 02/2026 ġiet approvatha u ffirmatha.

Dwar il-ħlasijiet tal-Karnival 2026, il-kunsilliera Jeanelle Attard qalet li l-prinjolata għandha titħallas xorta, għax titħejja minn qabel, iżda mhux neċessarjament il-qarċilla. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kien sar script oriġinali, fejn il-Kunsilliera Jeanelle Attard uriet ritratti li l-kumpanija tellgħet il-qarċilla f'Taċ-Ċawla. Ġie deċiż li l-kumpanija titħallas, kif ukoll iż-żewġ għaqdiet tar-raħal jingħataw €400 kull waħda, b'qbil unanimu.

**30.13 Korrispondenza u Ilmenti;**

- 04/02/2026 – Laqgħa mid-DLG rigward ic-chart of accounts;
- 11/02/2026 - Cir AKL 2026/010_Bridges of Trust: Laqgħa Online
- 13/02/2026 - Launch of European Region of Gastronomy 2026 - From Past Food to Future Food
- 17/02/2026 - Stedina u Reġistrazzjoni-Sessjoni ta' Informazzjoni Minn Pjazza għal Pjazza
- 17/02/2026 - Cir AKL 2026/017_Invitation for a webinar on the 27th of February for Local Councils
- 18/02/2026 - Cir AKL 2026/018_Bus Shelters Seminar 26/03/2026
- 23/02/2026 - Business English Writing and Proofreading Training - Online & Self-Paced
- 24/02/2026 - Stedina - Il-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara - Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2026
- 24/02/2026 - Ħlasijiet għal-servizzi ta' trasport.
- 27/02/2026 - Invitation to The Climate Funding 4 Cities Project Conference

- Hemm proponiment għal sleeping policemen fi Triq Santa Marija, Triq San Duminku u fi Triq l-Għarus – ser tiġi kkunsidrata, s-Sindku ser tgħaddi minn dawn it-toroq sabiex tiċċekja
- Triq San Ġwann Battista biex titwaħħal bozza oħra – approvata jekk hemm biżżejjed distanza bejn waħda u oħra
- Talba għall-mera mal-Unisex shop – approvatha suppost kien hemm waħda, il-ħaddiema jmorru jiċċekjaw filkaz issir waħda
- Ilment fuq parking f'nofs ta' triq ta' klijenti li qed jieqfu fin-nofs biex jixtru mis-supermarket ta' St John. Qed jipparkja ukoll trailer biex iħott ix-xogħol għall-ħanut – ġie deċiż li tal-ħanut għandu jagħmel permessi tal-parkings sabiex ikun jista jipparkja t-trailer.
- Talba għall- double yellow lines fi Triq Sant Indrija fejn il-bieb – ġiet approvatha
- Mera fi Triq Indipendenza, is-sid tad-dar ma' jridx mera quddiem id-dar minħabba li jibża li jidħlulu d-dar – ġie deċiż u approvat li l-mera teħel mal-kurduna tal-bankina.

**30.14 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:45 u ġiet aġġornata għall Erbgħa 18 ta' Marzu 2026 fl-16:30

Kkonfermati Ilum 22/04/2026

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv